# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

MAGISTRAT
**Dr. Victor George Axiak LL.D. Dip. Tax**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2020
Sessjoni tal-Ghid il-Hamiem
Rikors Numru: 48/2017 VGA *gia' FDP*

**Jason Pace (K.I. 144571M)**

***vs***

**Alfred Xerri (K.I. 822455M)**

**Il-Qorti,**

1. Rat l-avvizipprezentat fil-21 ta' Frar 2017 fl-liema avviz ir-rikorrent talab lil intimat jghid "*ghaliex m'ghandekx tkun ikkundannat li thallas (lir-rikorrent) s-somma ta' hdax il-elf u hames mitt ewro (€11,500) u dan rapprezentanti xoghol u servizzi rezi mill-mittenti u dan kif jidher mill-iskrittura privata ffirmata mill-partijiet u hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A. Jigi dikjarat illi din is-somma ma teccediex il-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti. (L-intimat) ingunt in subizzjoni. Bl-ispejjez u l-imghaxijiet relattivi.*" [1]

2. Rat ir-risposta tal-intimat tal-5 ta' Mejju 2017 fl-liema risposta ecepixxa s-segwenti:-

[1] Fol. 1

1. *"Illi in linea preliminari t-talba tar-rikorrenti kif redatta hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont pretiz mill-istess rikorrenti f' dawn il-proceduri ma huwiex dovut mill-esponent, u dan ghar-ragunijiet li ser jigu spjegati f' aktar dettall fil-perkors tal-kawza odjerna;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-soespost, huwa pacifiku l-fatt illi gie patwit ftehim bejn il-partijiet f' Ottubru tas-sena 2012 (vide l-iskrittura relattiva annessa mar-rikors promotur u mmarkata bhala "Dok. A") li permezz tieghu l-esponenti inkariga lir-rikorrenti sabiex dan ta' l-ahhar japplika mal-Awtorita' tal-Ippjanar u jakkwista l-permessi relattivi b' konnessjoni ma' xogholijiet fuq art agrikola appartenenti lis-Sur Xerri u sitwata fil-konfini ta' Rdum Depiro gewwa Had-Dingli;*

3. *Illi ghal kull buon fini, jigi rilevat illi fl-istess gurnata li gie konkluz l-imsemmi ftehim l-esponent hallas depozitu ta' erbat elef u hames mitt Ewro (€ 4,500) lir-rikorrenti akkont tas-servizzi li dan kien obbliga ruhhu jipprovdi, u cioe' li jaghmel dak kollu li huwa necessarju mill-lat amminstrattiv u proceduralì sabiex japplika ghal permessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex inter alia (i) jigi restawrat u/jew rikostruwit hajt tas-sejjieh, (ii) tigi rikostruwita u/jew sanzjonata kamra pre-ezistenti sabiex isservi bhala agricultural store, u (iii) tigi konstruwita giebja fil-propjeta' tal-esponenti;*

4. *Illi madanakollu, l-ftehim de quo gie terminat b' mod effettiv mill-esponent ghal habta ta' Marzu tas-sena 2015, u dan stante inadempjenza kuntrattwali da parti tar-rikorrenti Pace, liema inadempjenza hija msejsa fuq zewg binarji korrelati;*

5. *Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti wera disinteress u nonkuranza lampanti fl-ezekuzzjoni tal-obbligi mposti fuqu tramite l-ftehim surreferit, tant illi l-esponent spicca kostrett jaghmel il-maggor parti tax-xoghol (li suppost kien inkarigat minnu r-rikorrenti) huwa stess, jew altrimenti kellu jirrikorri ghal servizzi ta' terzi sabiex jigi attwat ix-xoghol mehtieg u tigi kompletata l-procedura t' applikazzjoni mal-awtoritajiet koncernati biex finalment jigu mahruga l-permessi surriferiti. F' dan l-isfond ghandu jinghad illi, sa minn ftit wara li gie konkluz il-ftehim, il-koperazzjoni tar-rikorrenti bdiet tonqos b' mod konsiderevoli hekk kif, minkejja li l-esponenti kien ta' sikwiet jaghmel diversi tentattivi biex jikkorrispondi mas-Sur Pace u jaccerta li l-process t' applikazzjoni kien miexi l-*

*quddiem, ir-rikorrenti qajla kien jirrispondi. Anzi kien hemm drabi meta l-esponent kien rinfaccjat b' silenzju assolut da parti tar-rikorrenti;*

6. *Illi di konsegwenza, fit-tieni lok, kien propju dan l-agir tar-rikorrenti li kkontribwixxa pjenamanet ghad-dewmien esagerat fil-hrug tal-istess permessi li huwa kellu jottjeni skond il-ftehim, b' dan li tali permessi nhargu fit-13 ta' Gunju, 2016 kwazi erbgha snin wara li saret l-iskrittura privata bejn il-partijiet fl-2012;*

7. *Illi, minghajr pregudizzju ghas-soespost, dato ma non concesso li r-rikorrenti verament wettaq l-obbligi tieghu skond l-iskrittura privata tal-2012, kif fil-fatt implicitament huwa qed jishaq, u li allura seta' ipotetikament kien hemm xi ammont dovut lir-rikorrenti abbazi tal-ftehim de quo, is-Sur Pace kien jibqalu jhallas biss il-bilanc rimanenti, ossia d-differenza bejn id-depozitu li kien ga thallas mill-esponent u s-somma ta' hdax il-elf u hames mitt Ewro (€ 11,500), li kien il-prezz kumplessiv originarjament maqbul bejn il-partijiet ghas-servizz li kellu jigi prestat mir-rikorrenti, u cioe' is-somma ta' sebat elef Ewro (€7,000), u dan stante li l-ftehim stess jistipula li: Meta x-xogholijiet u l-permessi jkunu lesti kollha Alfred Xerri jhallas <u>il-kumplament ta' (€ 11,500)</u> (sottolinear mizjud ghall-emfazi mill-esponent);*

8. *Illi fi kwalunkwe kaz, lanqas dan il-bilanc ma huwa dovut mill-esponent stante li, kif intqal qabel, huwa spicca jaghmel il-bicca kbira tax-xoghol mertu tal-ftehim, sia jekk hux personalment jew tramite terzi, kemm fiz-zmien li fih dan il-ftehim kien ghadu vigenti, u naturalment multo magis wara li dan gie rexiz unilateralment mill-esponent;*

9. *Illi ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke jekk ghal grazzja tal-argument ir-rikorrenti wettaq l-obbligi li kienu jinkombu fuqu sad-data li fiha gie terminat il-ftehim, dan xorta wahda jfisser li huwa ma ghandux ihallas l-ammont kumplessiv ta' sebat elef Ewro (€7,000) u dan ghaliex il-permessi in kwistjoni hargu numru ta' xhur wara li kien gie terminat il-ftehim. B' dan naturalment ifisser li l-hrug tal-permessi xorta wahda ma kienx ikun dovut bis-sehh ghall-impenn tar-rikorrenti ghaliex kien ghad fadal xoghol sostanzjali xi jsir wara li ntemm l-inkarigu tieghu sabiex jigu ottjenuti l-permessi in kwistjoni;*

10. *Illi sussidarjament u bla pregudizzju ghas-suespost l-esponent jirrileva li sad-data tal-lum huwa qatt ma rceiva fattura jew xi forma ta' request for*

*payment formali mir-rikorrenti sabiex jissustanzja l-ammont mitlub minnu u jaghti rendikont tas-servizz li huwa pprovda. Ghaldaqstant, tenut kont ta' dan, hija l-umli fehma tal-esponent illi l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigi aggudikati lir-rikorrenti fl-intier taghhom;*

11. *Illi, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti ghad jehtieglu jgib il-prova tas-servizzi li allegatament inghataw minnu lill-esponent;*

12. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri u b' riserva ghall-kwalunkwe danni sofferti mill-esponent a kawza tad-dewmien u l-inadempjenza tar-rikorrent kif suespost."* [2]

3. Rat u fliet it-traskrizzjoni tax-xhiedha tar-rikorrent Jason Pace[3] fis-seduta tal-19 ta' Gunju 2017 u in kontro-ezami fis-seduta tal-22 ta' Novembru 2018[4]; tal-intimat Alfred Xerri[5] fis-seduta tal-5 ta' Frar 2018 u fis-seduta tal-22 ta' Marzu 2018[6]; tal-Perit Daniel Grima[7] fis-seduta tal-18 ta' Gunju 2018; u tal-Avukat Dr Ian Stafrace fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2018.

4. Rat id-dokumenti ezebiti konsistenti fi skrittura "Dok A" ffirmata bejn il-partijiet;[8] "Dok. AX1" invoice ta' l-Avukat Ian Stafrace datata 4 ta' Novembru 2016[9] ezebita minn Alfred Xerri fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2018; ircevuta tal-VAT tal-perit Daniel Grima[10] ezebita minn Alfred Xerri fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2018; applikazzjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar PA/03586/15 reception date 25 ta' Novembru 2012[11] ezebita minn Alfred Xerri fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2018, Dok. AX 2 Serje ta' korrispondenza[12], Dok. AX 3, ezebiti minn Alfred Xerri fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2018; Emails, korrispondenza u pjanti u dokumenti[13], Dok. AX 4, ezebiti minn Alfred Xerri fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2018.

[2] Fol. 8 sa 10
[3] Fol. 13 sa 20
[4] Fol. 148 sa 160
[5] Fol. 25 sa 45
[6] Fol. 48 sa 50
[7] Fol. 132 sa 137
[8] Fol. 2
[9] Fol. 51
[10] Fol. 52
[11] Fol. 53 - 55
[12] Fol. 56 - 91
[13] Fol. 92 - 129

5. Rat il-verbal tat-13 ta' Novembru 2017 fejn ir-rikorrent qal li kien fadal jipprezenta affidavit tieghu b'dokumentazzjoni, wara liema affidavit kienu fadallu aktar provi x' jipprezenta. Sussegwentement jidher li ma' gie pprezentat l-ebda affidavit.

6. Rat il-verbal tat-22 ta' Novembru 2018 fejn il-partijiet qablu li ma ghandhomx aktar provi x' jipprezentaw u l-Qorti ddifferiet il-kawza ghat-trattazzjoni finali ghall-24 ta' Jannar 2019. Sussegwentement wara rikors ta' differiment ipprezentat mill-intimat il-kawza giet differita ghall-istess skop ghat-28 ta' Frar 2019.

7. Rat il-verbal tat-28 ta' Frar 2018 fejn fin-nuqqas ta' presenza tar-rikorrent il-Qorti kellha tiddiferixxi l-kawza ghall-istess skop ghat-23 ta' Mejju 2019 bl-intiza cara li dakinhar il-Qorti tisma' t-trattazzjoni ta' min ikun prezenti u tghaddi biex tiddiferixxi l-kawza ghas-sentenza.

8. Rat li l-kawzi kollha tas-seduta tal-23 ta' Mejju 2019 inkluz dik odjerna kienu gew differiti ghall-24 ta' Gunju 2019 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

9. Semghet it-trattazzjoni tal-intimat fl-24 ta' Gunju 2019, f'liema seduta l-Qorti qalet li "*tqis l-assenza tar-rikorrenti u tal-avukat tieghu bhala dikjarazzjoni implicita li ma jehtiegx jaghmel trattazzjoni fil-kawza tieghu stess, u dana wara li din il-Qorti osservat il-verbal ta' din il-Qorti diversement preseduta tat-28 ta' Frar 2019*.

**Ikkunsidrat**

10. Illi fil-qosor l-eccezzjonijiet tal-intimat li jinkorporaw fihom esposizzjoni tal-fatti mertu tal-kawza huma bbazati fuq erba' binarji (i) li ebda flus ma huma dovuti minhabba inadepjenza kontrattwali tar-rikorrent; (ii) it-terminazzjoni unilaterali tal-ftehim min-naha tal-intimat f'Marzu tas-sena 2015, il-permessi eventwalment hargu fix-xahar ta' Gunju 2016; (iii) minghajr pregudizzju ghas-suespost l-intimat kien hallas depozitu ta' €4,500 mis-somma ta' € 11,500 miftehma bejn il-partijiet u ghalhekk fl-aghar ipotezi hija dovuta s-somma ta' € 7,000 u mhux € 11,500; (iv) l-eccipjent qatt ma rcieva talba formali ghal hlas.

11. Illi fil-mertu il-partijiet kienu ffirmaw skrittura ta' ftehim bejniethom f' Ottubru 2012. Dan il-ftehim miktub bl-idejn u ezebit a fol. 2 mal-avviz tat-talba jghid hekk:

*"Jiena Jason Pace ID 144571(M) han* (sic!) *naghmel xoghlik* (sic!) *Ta pjanti u permessi Sa Biex ingibb* (sic!) *il-Hittan* (sic!) *tal sejjeh u Kamra legali u gibbja* (sic!) *li Tkun fil propeta* (sic!) *ta' Alfred Xerri, issa Alfred Xerri haj* (sic!) *tighni Depositu* 4500 €*. Meta ix-xolijiet* (sic!) *u il-permessi ikunu lesti Kolla Afred* (sic!) *Xerri jihalas* (sic!) *il kuplament* (sic!) *ta' 11,500 €. Issa jekk xaxga* (sic!) *tmur hazina jiena Jason Pace Nati il flus lura. Dipositu."*

12. Illi r-rikorrent Jason Pace[14] iddeskriva r-rwol tieghu bhala '*middle-man*' bejn il-klijenti, f' dan il-kaz l-intimat Alfred Xerri u avukati / periti dwar permessi tal-planning. Ghalkemm fix-xhiedha tieghu jiddiskrivi ruhu ukoll bhala '*speci ta' consultant'* effettivament dan ma huwiex minnu ghaliex huwa personalment ma joffri u ma' offra ebda' servizz professjonali specjalizzat imma, tal-inqas fid-dehra, offra biss servizz ta' *go-between* bejn il-klijent u professjonisti intizi fil-process ghall-otjeniment tal-permess tal-ippjanar mill-awtoritajiet kompetenti.

13. Illi kostatazzjoni tar-rwol tar-rikorrent huwa importanti fl-ezami tal-materja sabiex jigi stabilit taht liema ordinament guridiku s-servizz li joffri r-rikorrent jaqa'. Il-Qorti tikkunsidra li s-servizz allegatament offrut mir-rikorrent huwa wiehed ta' kiri ta' xoghol li jaqa' taht l-artikolu 1623 tal-Kap. 16 li jghid hekk:

***"1623.** Il-kiri ta' xogħol u ta' industrja hu kuntratt li bih waħda mill-partijiet tintrabat li tagħmel xi ħaġa għall-parti l-oħra, bi ħlas li din tintrabat li tagħtiha."*

14. Illi fix-xhiedha tieghu r-rikorrent jiddeskrivi x-xoghol li ghamel bhala li jikkonsisti f'koordinament ma' *draftsman on site,* konsultazzjoni mal-perit, applikazzjoni mal-MEPA, (il-hlas tal-MEPA thallsu direttament mill-intimat) u ingaggar ta' avukati ghan-nom tal-klijent.[15]

15. Illi mix-xhieda johrog li r-rikorrent ingagga draftsman, perit u avukati sabiex jassistuh fil-process tal-applikazzjoni tal-permess mill-MEPA jew inkella laqqahhom mal-intimat. Jirrizulta ukoll li fix-xahar ta' Marzu 2015 l-intimat temm unilateralment is-servizzi tar-rikorrent. Il-permess eventwalment hareg u dan wara li rega gew sottomessi pjanti u kien hemm ukoll process tal-appell.

16. Illi ir-rikorrent stqarr li ltaqa' mal-intimat fl-ufficju tieghu, fis-prezenza tal-partner tieghu Joe Lebron [16] u li "*Hadt is-site; mort bi draftsman, kejjilna diversi*

[14] Fol. 14
[15] Fol 14-15
[16] Fol. 14

*drabi, mhux darba, nahseb xi sitt darbiet ghax naqra mtarrag hemmhekk; xi sitta jew seba' darbiet morna. (omissis) id-draftsman kien Liston Bongailas."*[17] *"Kejjilna kollox, ghamilna l-pjanti; morna ghand il-Perit Daniel Grima ghandu l-ufficju San Pawl u bdejna l-process . . . .(omissis) applikajna l-MEPA, hallas il-contribution Alfred sewwa?, u bdejna l-process. Il-dik ma hargitx ma' l-ewwel stage . . ."* [18]

17. Illi fix-xhiedha tieghu l-intimat Alfred Xerri qal kif gej fir-rigward tal-ingaggar tar-rikorrent Jason Pace:

*"Il-Qorti: Il-Perit tieghek min hu?*

*Ix-Xhud: Joseph Saliba. Dan kien beda l-process, ghax hu li gara, jekk forsi nista' nispjega, dan kont qed nirranga hitan tas-sejjiegh, gew tal-MEPA u waqqfuni. Hemmhekk fejn qaluli, isma', trid tapplika ghal permess u l-process ha jiehu xi sentejn. Hemmhekk fejn kelli laqgha maghhom, il-MEPA stess u hekk gara dan.*

*Il-Qorti: U Jason Pace kif dahal?*

*Ix-Xhud: Dan Jason Pace, dan kelli wiehed qed jahdimli hemmhekk, gol hitan tas-sejjiegh, u kien hemm wiehed Paul Zahra... ehe Zahra, u qalli isma' qalli, kelem lil Censu, xi hadd li joqghod hdejh, bennej, qalli ghax ghandu wiehed* ***qed jirrangalu kollox* (sottolinear u emfasi mizjuda)**. *Qalli dan jirrangalu fi zmien qasir. U emmint dawn l-affarijiet jiena u... u cempiltlu lil dan Jason, jien cempiltlu. Meta rajt li mhu ghaddej xejn, li mhu veru xejn u anke Paul Zahra avzani u qalli oqghod attent ghax dak li semmejtlek qed jigdimhom. Minn dak il-hin stess bghattlu messagg ghidtlu isma', ejja naghlqu x'ghamilt sal-lum u niskwerjaw kollox u nghalqu.*

*Dr Matthew Cutajar: Meta kien dan, Sur Xerri? Meta kien li inti ghidt lis-Sur Jason Pace illi xtaqt twaqqaf r-relazzjoni li kellkom bejnietkom fir-rigward tal-permessi?*

*Ix-Xhud: Id-data ma niftakarhiex imma mill-emails u l-messaggi...*

*Dr Matthew Cutajar: Bejn wiehed u iehor? Jekk tista...*

---

[17] Fol 14-15
[18] Fol. 15

*Ix-Xhud: M'ghandix idea. Ha nkun qieghed...*

*Dr Matthew Cutajar: Liema sena? Jew kemm wara li kontu ftehmtu abbazi ta' din?*

*Ix-Xhud: Naf li qabel l-elezzjoni, mhux li ghaddiet ta' qabilha.*

*Il-Qorti: 2008?*

*Ix-Xhud: Ghax meta saret l-elezzjoni...*

*Il-Qorti: Le 2013.*

*Dr Matthew Cutajar: 2013 iva.*

*Ix-Xhud: Meta saret l-elezzjoni, peress li jiena go mohhi hmar immaginajt* ***li dan l-irrangar*** **(sottolinear u emfasi mizjuda)** *kellu xi konnessjoni mal-politika, ghidtlu issa nbidel il-gvern, x'se naghmlu? Qalli issa ahjar anzi. Igifieri ghalhekk qed nghid li jista' jkun li qabel dik l-elezzjoni. U ghadni niftakar il-kliem ezatt, qalli issa ahjar,* ***iktar nirrangaw malajr*** **(sottolinear u emfasi mizjuda)***. Pero' kont incempillu hafna drabi igifieri, ma kienx ikellimni, ma kienx jirrispondini, u mbaghad forsi kien jirrispondi xi messagg igifieri servizz zero.*

*Il-Qorti: Igifieri ha tifhem il-Qorti, igifieri dana Jason Pace, dan tqabbad biex jirrangalek biex johrog il-permess?*

*Ix-Xhud: Hekk fhimt jiena ehe.*

*Dr Matthew Cutajar: Meta tghid li tqabbad biex jirrangalek biex johrog il-permess, biex jaghmillek xi xoghol amministrattiv? Biex tifhem ahjar il-Qorti.*

*Ix-Xhud:* **Propja biex johrogli l-permess minn xi hbieb, jiena fhimt minn xi hbieb, minn xi l'hawn, minn xi l'hemm johogli l-permess. Li llum tghallimt li dawn l-affarijiet ma jsirux (sottolinear u emfasi mizjuda)***, imma dak il-hin hekk hsibt. Forsi kont daqxejn ghama."*

18. Illi l-intimat xehed ukoll kif gej:

*"Il-Qorti: Dan il-ftehim bil-miktub, intom kontu gia' ghamiltuh verbali qabel? Igifieri kontu ftehmtu bil-kliem?*

*Ix-Xhud: Qalli verbalment u nahseb anke waqt li qed niffirmaw il-ftehim, li fi zmien xahrejn se jgibli l-permess."*

19. Illi mill-provi li hargu matul il-kors tal-kawza, ghalkemm jidher illi r-rikorrent verament agixxa ta' *middleman* u laqqa lill-intimat mal-professjonisti imsemmija, ma' hargu l-ebda provi konkreti illi r-rikorrent hallas l-ispejjez ta' dawn il-professjonisti. Lanqas ma' jidher illi r-rikorrent kien b'xi mod involut (ghajr b'mod superficjali fil-fazi inizjali) sabiex gie effettivament ottjenut il-permess tal-ippjanar in kwistjoni. Ma' tressqux provi li jistghu b'xi mod jiggustifikaw li s-servizzi, jekk kien hemm, li gew prestiti, kellhom valur imqar vicin is-somma msemmija fil-ftehim. Skond ir-rikorrent, il-prezz miftiehem kellu jkun kemm ghas-servizzi tieghu u kif ukoll ghall-ispejjez tal-professjonisti (ghajr ghall-*contribution fee* tal-MEPA li l-intimat kellu u filfatt hallas hu). Madanakollu m'hemmx l-icken prova fil-process illi saru tali hlasijiet mir-rikorrent. Anzi, gew esebiti ricevuti li juru li jekk sar xi hlas, dan sar min-naha tal-intimat. Inoltre r-rikorrent naqas milli jaghti rendikont dettaljat jew dokumentazzjoni dwar l-ispejjez li huwa allegatament ghamel u dan minkejja li kellu kull opportunita' li jaghmel dan kemm qabel din il-kawza kif ukoll waqt dawn il-proceduri.

20. Illi dan kollu jwassal lill-Qorti sabiex tikkonkludi minghajr ebda dubbju illi l-*causa* vera tal-ftehim bejn il-partijiet kienet wahda *illecita* u cioe' illi r-rikorrent tramite il-kuntatti tieghu kellu "jirranga" sabiex jigi akkwistat il-permess tal-izvilupp mehtieg mill-intimat f'qasir zmien. Bhala tali il-ftehim ma' jista' qatt jigi nforzat minn kwalunkwe Qorti.

21. Illi l-Art. 987 u l-Art. 990 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponu kif gej:

***"987.** L-obbligazzjoni mingħajr kawża, jew magħmula fuq kawża falza jew illeċita, m'għandha ebda effett.*

***990.** Il-kawża hija illeċita meta hija pprojbita mil-liġi jew kuntrarja għall-għemil xieraq jew għall-ordni pubbliku."*

22. Illi kif intqal mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet:- "**George Bonnici et vs Silvio Naudi**" (Rif Nru 604/1996/2 PS, deciza 31 ta' Mejju 2006):

*"Jibda biex jigi osservat illi kif inhu pacifiku l-kawza illecita hi materja kuntrarja ghall-ordni pubbliku ghax ipprojbita mil-ligi u ghalhekk ma tiswiex. Dan allura jaghmel ma jiswiex il-ftehim li jkun jiddependi minnha: vitiatur et vitiat. Ara Artikolu 1054, Kodici Civili; Kollez. Vol. XLIII P II p 646…*

23. Illi kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Civili (Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet:-"**Angelo Spiteri pro et noe vs Andrew Cilia et**" (ECLI:MT:ACIV:2016:99570, deciza 11 ta' Marzu 2016:

"*Dan l-agir kjarament jikkostitwixxi kawza illecita li hija definita permezz tal-Artikolu 990 tal-Kodici Civili, li jfisser li kawza hija illecita meta hija pprojbita mil-ligi, jew kuntrarju ghall-ghemil xieraq jew ghall-ordni pubbliku. Dan il-principju ta' kawza illecita wkoll kien trattat diversi drabi minn din il-Qorti, fosthom fis-sentenza taghha tas-6 ta' Ottubru, 1999, fl-ismijiet Julia Borg et v. Carmel Brignone fejn inghad is-segwenti: "Gie anzi kostantament ritenut illi f'dawn ic-cirkostanzi n-nullita' ta' l-obbligazzioni* ***setghet tigi sollevata mill-istess Qorti ex officio*** (sottolinear u emfasi mizjuda). *"Hija bla effett kwalunkwe obbligazzjoni maghmula fuq kawza illecita' u l-kawza hija llecita meta hija projbita mil-ligi jew kuntrarju ghall-ghemil xieraq jew ghall-ordni pubbliku. U konvenzjoni hija kontra l-ordni pubbliku' meta hija kontra l-interess generali. Il-kwistjoni tal-legalita' jew le tal-konvinzjoni minhabba kawza llecita tista' tigi sollevata ex officcio." (Vol XLID.p.684 deciza minn din il-Qorti fl-ismijiet Charles Pace et -vs- Philip Agius et) 'Illi 'rebus sic stantibus', kif logikament jikkonkludi Pacifici Mazzoni:- "ll giudice non puo' accogliere la domanda diretta ad ottonere l'adempimento di una convenzione fondata sopra causa illecita, o che abbia un oggetto turpe o contrario alla legge, benche' il debitore non apponga eccezione di sorta" (lstituzioni, Vol. ll. para 167) u ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha tissolleva 'ex officio' n-nullita' tal-kondizzjoni fuq migjuba u maghha n-nullita' tal-konvenzjoni relattiva." (Vol. XLIIIC.ii.646)". Hekk ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-8 ta' Jannar, 2010 fl-ismijiet Arthur Briffa et v. Carmelo Farrugia et, fejn inghad: "L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li fil-kuntratt imsemmi kien hemm kawza illecita, u konformement laqghet din l-eccezzjoni billi osservat li 'La darba l-konvenju sar biex jithallas b'datio in solutum dejn gej minn kawza illecita, il-konvenju wkoll huwa milqut b'dik il-kawza illecita, u t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, mahsuba biex jitwettaq il-konvenju, ghalhekk ma jistghux jintlaqghu.' It-talbiet attrici konsegwentement gew michuda."*

24. Illi ghalhekk f'dan il-kaz ma' jistax ir-rikorrent jigi quddiem il-Qorti u jittanta jirkupra l-bilanc tal-prezz ta' servizzi li allegatament saru minnu meta dawn

mhux biss kienu jikkontemplaw agir illegali izda *per di piu'* anqas biss ngiebet prova sodisfjacenti taghhom fil-kors ta' din il-kawza.

**Decide**

25. **Il-Qorti qeghda ghalhekk tiddisponi minn din il-kawza billi tichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontrih.**

**Dr. Victor George Axiak LL.D.**
**Magistrat**

**Mario Azzopardi**
**Deputat Registratur**